**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**
*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*



# IL-ĠENITURI JĦOSSU WKOLL

Dan l-aħħar smajt waħda mimlija bl-għomor u li għaddiet ħafna snin trabbi 'l uliedha bl-akbar għożża, tlissen dan il-proverbju: "Meta jkunu tfal nar tat-tiben; meta jikbru nar tal-ĠIŻEM". Le, le,



il-kelma mhix miktuba ħażin, hija hekk, ***ġiżem.*** Kelli mmur infittex fid-dizzjunarju. Fost l-oħrajn il-kelma tfisser dik l-għoqda njam iebsa li jkun hemm 'il fuq mill-għeruq tad-dielja. Xħin tqabbad din l-injama tagħti nar qawwi u ġamar ħaj. Il-proverbju jrid jgħidilna li meta t-tfal jikbru jġibu problemi oħrajn għall-għeżież ġenituri tagħhom. Il-ġenituri jinkwetaw meta wliedhom jidħlu fi gwaj.

L-esperjenza tgħallimna li l-iktar ħaġa li tweġġa' lill-ġenituri li jridu l-ġid ta' wliedhom hija meta dawn tal-aħħar jiġu jaqgħu u jqumu minn dawk il-valuri li jkunu tant għenu lill-kbar.

Ma ninsewx, min joqgħod għal missieru u ommu fit-tajjeb, fuqu jġib il-barka ta' Ġesù. Kemm ħadt pjaċir xi jumejn ilu meta raġel żagħżugħ, missier ta' żewġt itfal qalli, "Kont imqareb meta kont żgħir, imma qatt ma għamilt ħmerijiet, anke għall-fatt li ma ridtx inweġġa' lil ommi bi mġiebti"!

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

### Rokna Ekoloġika: It-Tabakk

It-tabakk għandu l-isem xjentifiku ta' Nicotiana tabacum. Ix-xitla tat-tabakk oriġinat fl-Amerika fejn iltaqgħu magħha l-Ewropej lejn is-sena 1520. It-tipjip mhux sewwa għas-saħħa u għalhekk din is-"sejba" swiet ta' dannu għall-bniedem.

## AVVIŻI:

**IS-SIEGĦA TAL-ĦNIENA DIVINA:** nhar il-Ġimgħa 6 t'Awwissu fl-ewwel Ġimgħa tax-xahar, filgħaxija wara l-quddiesa tal-5:00pm. Mitlubin nersqu lejn Ġesù biex induqu l-ħniena tiegħU, kif ukoll nitolbuh ħniena mid-dinja kollha.

**QUDDIESA FIĊ-ĊIMITERJU TAL-ĦNIENA DIVINA:** nhar il-Ġimgħa, 6 t'Awwissu fis-6:00pm.

**IL-KORS TAL-GĦARAJJES:** Il-koppji għarajjes li jixtiequ jibdew jattendu, jew ikomplu l-mixja ta' tħejjija għaż-żwieġ u għall-ħajja tal-familja huma mħeġġa javviċinaw lill-Arċipriet biex japplikaw. Infakkru lill-koppji li jixtiequ jiżżewġu fil-Knisja li jeħtiġilhom itemmu dawn is-sentejn ta' formazzjoni qabel ma jiċċelebraw is-sagrament taż-żwieġ. Inħeġġu lill-għarajjes u namrati f'relazzjoni stabbli biex jattendu għal dawn il-laqgħat, anke jekk għadhom ma ddeċidewx id-data taż-żwieġ tagħhom. Ser ikunu qed jinżammu wkoll laqgħat f'Malta għal dawk l-għarajjes li jistudjaw jew jaħdmu Malta u ma jistgħux jattendu għal-laqgħat Għawdex. L-għarajjes li ser ikunu qed jattendu għat-tieni sena ta' dan il-kors xorta jridu japplikaw.

**KORS TAT-TISJIR:** fil-parroċċa għandna kok Taljan li qed jipproponi li jagħmel kors ta' tlett ijiem: fid-29 u t-30 ta' Settembru u fl-1 ta' Ottubru li ġej. Huwa ser juri kif wieħed jagħmel għaġina u diversi tipi ta' għaġin, kremi, ħelu, għaġina tal-pizza stil Taljan, mayonnaise u ħafna affarijiet oħrajn. Għan dan il-kors, li wieħed isegwi anke bl-għajnuna ta' interpretu mit-Taljan għall-Malti, jistgħu jinkitbu mhux aktar minn 10-12-il persuna. Għal aktar informazzjoni, staqsu fl-Uffiċċju Parrokkjali.

### Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm
**SALA PARROKKJALI: Is-Sibt:** fis-6:00pm (issir fil-bitħa tal-Mużew Marittimu)
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am